*Fuljett Awwissu 2017*

# ZEROCO2 — Fuljett #3

## X'inhu il-proġett ZEROCO2?

### Oriġini tal-Proġett

Id-Direttivi Ewropej dwar l-effiċjenza fl-enerġija (Direttiva 2012/27/EU) u dwar l-enerġija prestazzjoni tal-bini (Direttiva 2010/31/EU), joħolqu avvanz qawwi fil-politika Ewropea (sostenibbiltà u klima). L-għanijiet kif ukoll għodod ta' intervent u l-verifika jobbligaw membri stati biex jiddikjaraw u jadottaw strateġija ċara għat-titjib tal-prestazzjoni tal-bini. Id-Direttiva tal-EU tistipula li wara l-2020, il-binjiet ġodda kollha għandhom ikunu b'enerġija żero u se jkun ukoll kważi zero mill-emissjonijiet ta' CO2 (NZCO2EB), minħabba l-użu tal-enerġija.

Dan il-proġett beda f'April 2016 fejn kull sieħeb fil-proġett ħejja rapport dwar il-politika reġjonali fir-rigward ta' NZCO2EB, kif ukoll studju dwar il-benefiċċji ekonomiċi bbażat fuq eżempji applikati ta' effiċjenza.

### Punti ndirizzati

L-analiżi tal-benefiċċju ekonomiku jagħti opportunita' biex isir skambju ta' esperjenza biex jiġu apprezzati l-għażliet diversi ta' sorsi ta' enerġija u teknoloġiji differenti li jistgħu jintużaw f'kull post, biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet CO2, filwaqt li jappoġġjaw l-iżvilupp reġjonali.

Il-metodoloġija tiffoka fuq ħidma interreġjonali li tinvolvi dawk li jfasslu l-politika fir-reġjuni msieħba, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2, filwaqt li taċċellera t-transizzjoni lejn żvilupp sostenibbli fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew. Permezz ta' kooperazzjoni interreġjonali, ir-reġjuni għandhom jidentifikaw, jaqsmu u jittrasferixxu metodoloġiji, teknoloġiji u prattiċi tajbin fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-NZCO2EB, immirati għal kostruzzjonijiet ġodda u t-tagħmir mill-ġdid tal-bini eżistenti.

## Il-Viżjoni tal-Proġett

Il-Viżjoni tal-proġett ZEROCO2 tirrekjedi l-imsieħba tal-proġett biex jiddefinixxu xi tfisser qrib iż-żero ta' emissjonijiet ta' CO2 minħabba l-użu tal-enerġija (NZCO2EB) fil-bini, u tippreżenta l-benefiċċji varji li jirriżultaw minn din l-innovazzjoni. Is-suġġetti prinċipali ndirizzati fiż-ZEROCO2 huma mmirati biex il-politiċi reġjonali tal-ambjent u l-enerġija, jappoġġjaw il-miri tal-EU. ZEROCO2 jagħmel enfasi fuq tħaddir tas-settur tal-bini permezz ta' tisħiħ ta' sorsi ta' enerġija ekoloġika u teknoloġiji effiċjenti, biex iservi ta' inkubatur għal swieq ġodda fil-qasam tal-enerġija, it-teknoloġiji, is-servizzi u mudelli tan-negozju. ZEROCO2 jidentifika proposti NZCO2EB fil-politika ndirizzati b'mod simili għal dawk li diġa saru għal bini ta' kważi zero enerġija. Dan ifisser li l-bini ma jipproduċiex emissjonijiet ta' CO2 minħabba l-użu tagħhom. Il-għan taż-ZEROCO2 jaqbel mal-inizjattiva ewlenija: "Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi", biex jgħin ħalli jinfired it-tkabbir ekonomiku mill-użu tar-riżorsi, u jonqos it-tinġis fl-arja. Kollox ma' kollox, ZEROCO2 jappoġġja l-missjoni ta' tkabbir fl-użu ta' enerġija rinnovabbli u l-promozzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija permezz ta' politiki reġjonali mtejba.



### Kontenut

X'inhu ZEROCO2 ..............1
Il-viżjoni tal-Proġett.........1
L-imsieħba..................... 2
Il-Kollaboraturi Lokali... 2-3
Il-laqgħat tal-proġett...... 4
Il-Midja Soċjali........ ...... 4
Kuntatt..............................4

### Dati u Avvenimenti

**Laqgħa tal-kollaboraturi lokali f'Malta**– 25.08.2017. Biex tkun aġġornat, żur is-sit taż-ZEROCO2 jew segwina fuq il-midja soċjali (ara paġna 4)

07-08.09.2017 - **Ir-raba' laqgħa tal-imsieħba fil-proġett, Kreta, Greċja**

European Union
European Regional Development Fund

ZEROCO2
Interreg Europe

# L-imsieħba taż-ZEROCO2

ZEROCO2 huwa mmexxi mill-**Aġenzija Lokali tal-Enerġija Spodnje Podravje, is-Slovenja (LEA)**, u hija magħquda minn imsieħba oħra, mill-Greċja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, il-Ġermanja, il-Finlandja u Franza. L-interess tal-Aġenzija LEA, huwa fuq it-tnaqqis tal-konsum ta' enerġija, it-titjib fl-effiċjenza u l-użu ta' enerġija li tiġġedded.

**L-Istitut Agronomiku tal-Mediterran ta' Chania, il-Greċja, (MAICH),** huwa kostitwent taċ-Ċentru Internazzjonali tal-Mediterran għall-istudji agronomiċi avvanzati .

**Ir-Reġjun ta' Molise** huwa korp reġjunali pubbliku, li fl-2016 approva linji gwida għall-awtorizzazzjoni biex jinbnew u jiġu amministrati impjanti li jipproduċu elettriku minn sorsi rinnovabbli.

**L-Awtorità Lokali tal-Muniċipalità tad-Distrett ta' Kaunas, il-Lithuania,** timplimenta l-amministrazzjoni pubblika, funzjonijiet u responsabbilitajiet għat-twassil ta' firxa ta' servizzi pubbliċi għall-komunità lokali.

**L-Università ta' Malta,** Malta, hija istituzzjoni edukattiva terzjari li għandha l-għan li tassisti l-iżvilupp ta' pjanijiet tal-enerġija nazzjonali, permezz ta' studji fl-użu ta' teknoloġiji ġodda u rinnovabbli u metodi ta' konservazzjoni tal-enerġija.

**L-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni (EIfI), il-Ġermanja (msieħeb responsabbli mill-komunikazzjoni),** huwa organizzazzjoni pan-Ewropea mingħajr qligħ li tappoġġa l-adattament tar-reġjuni biex jirrispondu għall-pass mgħaġġel ta' żvilupp, f'setturi varji.

**Thermopolis Ltd., Il-Finlandja,** huwa rikonoxxut bħala espert dwar is-sostenibbiltà u jservi bħala espert tal-iżvilupp tal-enerġija għal kumpaniji, organizzazzjonijiet pubbliċi u l-konsumaturi.

**L-Aġenzija għal Bliet u Territorji Mediterranji Sostenibbli (AVITEM), Franza,** timmira għall-kompetenza, taħriġ u kooperazzjoni biex tippromwovi sistemi integrati ta' żvilupp urban fl-ibliet u t-territorji tal-Mediterran.

## LEA

It-tieni laqgħa tal-kollaboraturi reġjonali saret fis-seba' ta' Diċembru 2016 fil-Ministeru tal-Infrastruttura f'Ljubljana. Il-kollaboraturi rrappreżentaw lill-Ministeru tal-Infrastruttura, Eco Fund u LEA. Wara l-preżentazzjoni tal-proġett ZEROCO2, il-kollaboraturi ddiskutew kif għandhom jiġu nklużi NZCO2EB Att Sloven dwar l-enerġija. F'Marzu 2017, LEA organizzat laqgħa għall-kollaboraturi interessati, biex tippreżenta l-istat tal-politiki fil-qasam tal-enerġija li-tiġġedded u l-enerġija effiċjenti fis-Slovenja, kif ukoll it-teknoloġiji li bħalissa qegħdin jintużaw f'dawn l-oqsma. Rappreżentanta mill-Eco Fund ippreżentat skemi ta' finanzjament għal pubbliku u l-privat u wriet opportunitajiet biex il-muniċipalitajiet jidħlu fi-sħab ma' fornituri differenti fil-qasam tat-teknoloġija bil-għan li jkun hemm kofinanzjament. Għalhekk qed taċċellera titjib fil-pożizzjoni tal-enerġija effiċjenti.



## MAICH

Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2017, it-tieni laqgħa reġjonali tal-partijiet interessati fil-proġett ZEROCO2 seħħet fiċ-Ċentru tal-Konferenzi tal-MAICH, Kreta, il-Greċja . Kien hemm attendenza tajba minn 38 kollaboratur minn Awtoritajiet differenti madwar ir-reġjun ta' Kreta. Il-Professur John Vourdoubas indika li firrigward tal-għan tal-proġett biex jippromwovi bini b'emissjonijiet ta' dijossidu karbonju baxx, ma kinitx ġiet promossa kif għandha tkun fil-Greċja. Imma huwa qal "Il-leġislazzjoni Griega ġiet armonizzata mal-leġislazzjoni Ewropea, u sal-2019, kull bini pubbliku ġdid se jkollu kważi żero konsum ta' enerġija u dijossidu tal-karbonju baxx . L-istess jgħodd, għal kull bini ġdid privat mil-2012". Barra minn hekk, fil- laqgħa ġew diskussi l-aħjar prattiċi, relatati mal-esperjenzi tal-kollaboraturi. Dawn urew li huma informati tajjeb. Aktar diskussjonijiet ser ikomplu fil-laqgħa tal-imsieħba fil-proġett ZEROC02.



## Ir-Reġjun ta' Molise

Fit-13 ta' Marzu 2017, il-laqgħa ffokat fuq il-Kooperazzjoni territorjali Ewropea għal perjodu 2014-2020. L-avukat Mario Ialenti, Kap tal-



Uffiċċju tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, fetaħ il-laqgħa billi ppreżenta l-proġett ZEROCO2, segwit minn studji ta' każijiet dwar dawn li ġejjin: 1. Interventi biex itejbu l-effiċjenza tal-enerġija fil-bini ta' uffiċini 2. L-użu tal-enerġija fil-*gymnasium* tal-iskola ta' Ripalimosani (provinċja ta' Campobasso). Wara, ġew diskussi numri ta' mistoqsijiet tekniċi dwar is-sistemi tal-effiċjenza enerġetika. Lejn it-tmiem tal-laqgħa, qamet diskussjoni produttiva dwar is-sejbiet li ħarġu mill-interventi tal-ġurnata. Fl-aħħarnett, il-laqgħa ċrrakkomandat li ż-żewġ proġetti jiġu ppreżentati fil-laqgħa tal-imsieħba taż-ZEROCO2.

## KAUNAS

It-tieni laqgħa tal-kollaboraturi irreveda l-aġġornament tal-pjan taliżvilupp Strateġiku (SDP) 2013-2020, li huwa stabbilit bħala wieħed mill-indikaturi tar-riżultati firrigward tal-proġett. Il-parteċipanti ddiskutew is-sitwazzjoni attwali filpromozzjoni tal-enerġija effiċjenti u l-użu ta' enerġija li tiġġedded. Fil-laqgħa ġie vvalutat b'mod pożittiv ilpromozzjoni tal-enerġija nadifa u l-miżuri ta' tnaqqis tal-enerġija filproġetti mmsemmija fil-SDP:

1. Rinnovazzjoni ta' diversi appartamenti.
2. Modernizzazzjoni tal-bojler u adattament għall-użu ta' riżorsi ta' enerġija rinnovabbli.
3. Promozzjoni u twaqqif ta' metodi moderni għall-produzzjoni ta' enerġija nadifa, u aktar għarfien u kuxjenza pubblika.
4. Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, iffrankar ta' riżorsi ta' enerġija u użu ta' riżorsi ta' enerġija lokali (injam, eċċ.) għat-tisħin.



## L-Universita' ta' Malta

Il-laqgħa tat-8 ta' Marzu 2017 bdiet b'analizi tal l-eżitu tal-kwestjonarji dwar il-miżuri politiċi li jistgħu jittejbu, skond kif ġie identifikat mill-kollaboraturi interessati nfushom.



Dawn il-kwestjonarji kienu imqassma fil-laqgħa ta' qabel f'Novembru 2016. Titjib possibbli minn perspettiva Maltija kien jinkludi dispożizzjoni ta' inċentivi li jikombina għajnuna għal sistemi ta' pannelli fotovoltajċi flimkien ma' tagħmir għat-tisħin tal-ilma bix-xemx, jew ma' miżuri ta' enerġija effiċjenti minflok miżuri uniċi. Barra minn hekk, ġie ddentifikat li l-muturi ewlenin għat-tagħmir mill-ġdid ta' bini pubbliku biex inaqqas l-użu tal-enerġija. Barra minn hekk, ingħatat preżentazzjoni ewlenija waqt l-Interregional Forum ta' Kooperazzjoni "L-Ewropa, Ejjew Nikooperaw! Kif ukoll diskussjoni flavveniment Ewropew, f'Marzu, 2017, li sar waqt il-presidenza ta' Malta tal-Kunsill Ewropew.

## EIfI

Bħala l-imsieħeb konsultattiv, l-EIfI uża l-preżenza tagħha pan-Ewropea biex tenfasizza ZEROCO2 fil-ġimgħa tal-Enerġija Sostenibbli Ewropew li saret fi Brussell 20-21.06.2017. L-EIfI u LEA attendew laqgħat ta' netwerking, skambju u tagħlim. Il-konferenza ta' politika hija l-aktar importanti fl-Unjoni Ewropea speċjalment fejn tidħol politika dwar l-enerġija sostenibbli.



Ġew organizzati sessjonijiet ta' dibattitu mill-Kummissjoni Ewropea fuq żviluppi politiċi ġodda, u ideat dwar l-enerġija sostenibbli, uħud minn dawn il-politiki huma direttament konnessi magħhom ZEROC02. Attendejna numru ta' seminars ta' politika bħal: Enerġija obbligi ta' verifika: *roadmap* għal 2019. F'dil-ġimgħa ta' attivitajiet stajna nxerdu il-proġett ZEROC02 u kellna iċ-ċans biex naqsmu l-esperjenza tagħna ma' ħafna persuni li jfasslu l-politika tal-enerġija.

## Thermopolis

Fit-tieni semestru, kien hemm żewġ laqgħat (21.11.2016 u 20.02.2017) kif ukoll ipparteċipajna fil-*workshop* ta' evalwazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali u fil-laqgħa ta' tnedija talippjanar tal-Programm Reġjonali 2018-2021. Tliet punti ġew identifikati wara diskussjoni miftuħa li ħarġu fil-livell lokali: 1. Helen Oy (kumpanija tal-enerġija ta' Helsinki) tikri pannelli solari li jinsabu fuq soqfa kbar industrijali. Il-kera ta' pannella waħda ta' 285 Wp tiswa € 4,40 kull xahar. B'hekk, ilproduzzjoni tal-enerġija u bl-istess mod il-konsum tagħha, tnaqqas ilkont tal-elettriku.

2. Żewġ binjiet ta' appartamenti ta' enerġija żero - il-Finlandja (www.nollaenergia.fi/index.php).

3. L-Enerġija volontarja "Ftehim ta' Effiċjenza" li jkopri s-setturi li ġejjin, huma fis-seħħ sal-2016: industriji, żejt, proprjetà, settur tat-trasport, irziezet u muniċipalitajiet fir-reġjun ingħaqdu mal-Ġeorġja bi ftehim u miri stabbiliti biex iżiedu l-effiċjenza tal-enerġija. *(www.energiatehokkuussopimukset.fi/en/about_the_agreements/)*



## AVITEM

AVITEM għamlet laqgħat ma' diversi kollaboraturi bejn Diċembru 2016 u Frar 2017, biex tispjega l-attivitajiet, l-għanijiet, rakkomandazzjonijiet u analoġiji tal-proġett ZEROCO2. Imbagħad il-kollaboraturi nteressati ġew mistiedna biex jieħdu sehem f'laqgħa tat-2 ta' Marzu 2017.

AVITEM ġabar l-iktar punti importanti dwar l-enerġija nadifa u effiċjenza, sabiex titkompla l-integrazzjoni tal-proġett fil-livell lokali. Il-passi li jmissu għal AVITEM huma kif ġejjin:

1. Qsim ta' rakkomandazzjonijiet skond il-*feedback* tal-kollaboraturi interessati.
2. Studju komuni dwar il-politiki pubbliċi fis-skala transnazzjonali.
3. Studju dwar l-Istrateġija u għażliet teknoloġiċi segwiti minn laqgħa tematika ddedikata.
4. Elaborazzjoni ta' pjan direzzjonali biex tiddefinixxi l-WP 5 u preparazzjoni ta' gwida.



# Il-laqgħat tal-imsieħba fil-proġett ZEROCO2 f'Berlin u Campobasso

**It-tieni laqgħa f'Berlin, L-Ġermanja**

Avveniment fl-14 u l-15 ta' Settembru 2016, tal-imsieħba fil-proġett ZERO-CO2, saret f'Berlin, il-Ġermanja. Fil -għodu tal-ewwel jum, kull sieħeb ip-preżenta r-riżultati tiegħu fuq studji reġjonali dwar it-trasformazzjoni ta' bini wieħed għall-istandard NZCO2EB. Wara nofsinhar, ġiet organizzata żjara fil-binja "Umweltbundesamt" (l-Aġenzija Federali Ġermaniża għall-Ambjent) u f'bini ta' uffiċċju b'enerġija żero "Haus 2019", f'Berlin-Marienfelde.

Il-proġett pilota tal-ministeru għandu l-għan biex isegwi l-idea arkitettonika, ir-rekwiżiti ekoloġiċi u enerġetiċi u r-realizzazzjoni tagħhom b'mod olistiku. Il-bini għandu jiġi integrat fl-ambjent tal-kostruzzjoni, iżda fl-istess ħin joħloq kwalitajiet spazjali ġodda.

Fuq is-saqaf tal-bini, ġew installati 380 pannella fotovoltajċi, li tipproduci enerġija biex tkopri d-domanda finali annwali tal-enerġija ta' 48,000 kWh. Sabiex jinkiseb l-istandard ta' binja b'enerġija żero, b'mod sistematiku, għandna nużaw il-possibilitajiet kollha biex innaqqsu l-enerġija primarja, għal minimu possibbli, speċjalment dik użata ghat-tkessiħ u t-tisħin tal-bini.

Wara ż-żjara ta' studju, il-parteċipanti attendew għall-laqgħa u preżentazzjoni minn Britta Schmigotzki, esperta fl-Ewropa fuq enerġija effiċjenti fil-bini. Il-preżentazzjoni kienet qed tenfasizza t-traspożizzjoni tad-direttivi tal-enerġija tal-EU relatata mal-bini għal politiki fir-rinnovazzjoni tal-Bini Nazzjonali - Eżempju tal-Ġermanja.

It-tieni jum tal-laqgħa beda bi preżentazzjoni minn Nick Lyth, GASS, dwar żvilupp reġjonali permezz ta' servizz espert estern biex jgħin u jttejjeb l-għanijiet tal-proġett għal kull wieħed mir-reġjuni imsieħba. Wara, il-parteċipanti marru għat-tieni żjara ta' studju fil-kooperattiva tad-djar "Charlotte". Charlotte għandha esperjenza vasta fl-użu tar-renovazzjoni f'binjiet biex ikunu iktar effiċjenti u ekonomici. Il-bini li żaru l-parteċipanti kien għadda minn proċess ta' modernizzazzjoni bi spiża ta' 5,8 miljun Euro inkluż it-titjib fil-klassifikazzjoni tal-enerġija tal-bini għal Grad A, 70 kWh/$m^2$ fis-sena.

**It-tielet laqgħa f'Campobasso, l-Italja**

It-tielet laqgħa u skambju tal-proġett ZEROCO2 sar f'Campobasso, fir-reġjun ta' Molise, l-Italja, f'Marzu 2017. Fl-ewwel jum, kull imsieħeb ippreżenta ir-Rapport tal-Politika Reġjonali tagħhom. Sussegwentement id-diskussjoni bdiet fost l-imsieħba u l-kollaboraturi interessati, fejn ġew indirizzati l-użu ta' enerġija effiċjenti fl-iskejjel, il-maniġjar tas-sistemi li jaħlu l-enerġija, aġġustament mill-ġdid tal-bini eżistenti, ħażna ta' enerġija, u sistemi innovativi. L-organizzatur tar-Reġjun ta' Molise, għamel intervent fuq l-użu ta' sistemi effiċjenti f'binjiet diversi li nkludiet sistema ġeotermali b'temperatura baxxa. Numru ta' żjarat kienu organizzati ġo dawn il-binjiet immsemmija.

It-tieni jum beda b'żewġ laqgħat. Waħda mill-laqgħat kienet għall-imsieħba fil-proġett ZEROCO2, fejn ġew diskussi l-proġett, il-finanzi u l-komunikazzjoni, fil-preżenza tal-Kumitat tat-Tmexxija. Is-Sinjura Tea Potocnick (LEA) spjegat l-istat tal-proġett u wriet l-attivitajiet li twettqu s'issa. Hija pprovdiet prospett tax-xhur li ġejjin. Benjamin Daumiller (EIfI) ġabar fil-qosor il-komunikazzjoni u attivitajiet ta' tixrid dwar is-sitwazzjoni attwali u l-azzjonijiet li jmissu. Il-laqgħa l-ohra kienet diskussjoni "roundtable" għall-kollaboraturi interessati, ippreseduta minn Chris Ashe (EIfI), fejn ġie diskuss dwar dak li l-kollaboraturi qegħdin jistennew minn ZEROCO2. Wara, is-Sur Steve Taylor minn Green Angel Syndicate, iddeskriva proġett innovattiv Skoċċiż għall-isfidi tal-klima.

## Kuntatti:

**Benjamin Daumiller**

**ZEROCO2 Maniġer tal-komunikazzjoni**

**Telefon: 0049 (0)4791 82049-31**

**E-mail: b.daumiller@eifi.eu**

Kun aġġornat u żomm kuntatt billi ssegwi il-proġett fuq il-midja soċjali!

**http://www.interregeurope.eu/zeroco2**

**@ZEROCO2Project**

**https://www.facebook.com/ZEROCO2Project/**

**https://www.linkedin.com/groups/8538366**

# Informazzjoni dwar l-imsieħba fil-proġett

| Partner | Country | Contact |
|---|---|---|
| **Local Energy Agency Spodnje Podravje** | Is-Slovenia | Tea Potocnik - tea.potocnik@lea-ptuj.si<br>*http://www.lea-ptuj.si* |
| **Mediterranean Agronomic Institute of Chania** | Il-Greċja | Ioannis Vourdoubas - vourdoubas@chania.teicrete.gr<br>*http://www.maich.gr/* |
| **Molise Region** | L-Italja | Alessia Finori - zeroco2@mail.regione.molise.it<br>*http://www3.regione.molise.it* |
| **Municipality of Kaunas District** | Il-Lituanja | Rima Noreikaite, - rima.noreikaite@krs.lt<br>*http://www.krs.lt* |
| **University of Malta** | Malta | Charles Yousif - charles.yousif@um.edu.mt<br>*http://www.um.edu.mt/ise* |
| **European Institute for Innovation** | Il-Ġermanja | Benjamin Daumiller -,b.daumiller@eifi.eu,<br>*http://www.eifi.eu* |
| **Thermopolis LTD.** | Il-Finlandja | Lea Hämäläinen - lea.hamalainen@thermopolis.fi<br>*http://www.thermopolis.fi/* |
| **Agency for Sustainable Mediterranean Cities and Territories** | Franza | Léonard Lévêque - l.leveque@avitem.org<br>*http://www.avitem.org* |